MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Numru. 146/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**GEORGE CINI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat George Cini bin Michael u Rita nee` Camilleri imwieled fil-15 ta’ Novembru 1956 u residenti ‘Arcadia’, Triq Sir Paul Boffa, Rabat, Ghawdex, (Karta ta’ l-Identita` Nru 2008425 P) gie  mressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-2 ta’ Marzu 2004 u fil-granet ta’ qabel din id-data fi Triq 31 ta’ Marzu, Rabat, Ghawdex

1 ezercita is-sengha ta' mechanic tal-vetturi minghajr licenzja tal-Awtorita Regolatorja (Sezzjoni Licenzji tal-Kummerc) (Art 14(1) Kap 441)

2 talli nhar it-2 ta' Marzu 2004 u/jew fil-granet ta' qabel din id-data tefa', waqqa' jew iddepozita jew halla spare parts u zjut ta' vetturi jaqghu jew jitpoggew fi Triq 31 ta' Marzu, Rabat, u ghalhekk f'post pubbliku jew il-pubbliku ghandu access ghalih minghajr hlas b'tali cirkustanzi li seta' jikkawza jew igieghel li jithassar post fil-miftuh. (Art 3 Kap 206)

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-artiklu 377(3) tal-Kap 9;

Semghet l-ammissjoni ta Doctor Carmelo Galea debitament awtorizzat biex jidher an nom tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-22 t'April 2004 u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi addebitati fil-konfront tieghu.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 14 (1) tal-Kap 441 u l-artikolu 3 tal-Kap 206 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tiddikjara li ssib lill-imputat hati u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50) b'mod komplessiv. Inoltre ai termini tal-artikolu 377 (3) tal-Kap 9 tobbligah inehhi l-oggetti depozitati f'nofs it-triq fi zmien gimghatejn mil-lum taht penali ta' Lm8.00 kuljum fin-nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------